MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 187/2010

**A B f'isimha proprju u bhala kuratrici tal-minuri C D nominata b'digriet tat-18 ta' Gunju 2010**

**-vs-**

**Dr. Patrick Valentino u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja li b'digriet tal-1 ta' Novembru 2010 gew nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti**
**E D;**
**F G;**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' A B fejn din, wara li ppremettiet:

Illi r-rikorrenti zzewget lill-initmat E D fil-11 ta' Marzu 2003;

Illi r-rikorrenti qatt ma ghexet flimkien mal-intimat D wara li gie ccelebrat dan iz-zwieg u baqghet hekk fizikament mifruda f'kull zmien materjali mid-data taz-zwieg sal-lum il-gurnata;

Illi z-zwieg bejn ir-rikorrenti u l-intimat E D gie annullat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili permezz tas-sentenza tal-15 ta' Dicembru 2006, kopja ta' liema sentenza qed tigi annessa u mmarkata Dok. CV1;

Illi r-rikorrenti A B bdiet relazzjoni mal-intimat F G u minn din ir-relazzjoni twieldet tifla C fl-20 ta' Marzu 2005 (Dok. CV2), liema tifla minuri hija allura l-wild naturali tal-istess intimat F G;

Illi minn DNA Paternity Test mahrug fil-5 ta' Ottubru 2009 (Dok. CV3) jirrizulta li l-probabilita' li F G huwa l-missier naturali ta' C hija ta' disgha u disghin punt disgha disgha disgha disgha fil-mija (99.9999%);

Illi hemm lok ghalhekk illi c-certifikat tat-twelid ta' C D jigi emendat fis-sens illi l-paternita' u d-dettalji, senjatament il-kunjom tal-istess minuri jkunu korrettament jirrispekkjaw u jikkonformaw mal-fatt illi l-imsemmi F G huwa l-missier naturali tal-minuri C D;

Illi inoltre, l-imsemmi intimat E D ma huwiex qieghed ihallas manteniment lir-rikorrenti ghall-htigijiet tal-imsemmija minuri C D, liema manteniment qed jipprovdih l-intimat F G;

Illi r-rikorrenti tixtieq li kunjom bintha C jitbiddel ghall-G;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tiddikjara u tiddeciedi illi l-imsemmija minuri C m'hijiex it-tifla naturali ta' E D, ex ragel tar-rikorrenti, izda hija t-tifla naturali tal-intimat F G b'mod illi hemm lok ghall-

korrezzjoni tal-att tat-twelid tal-imsemmija minuri f'dan is-sens;

Tordna ghalhekk il-korrezzjoni mehtiega fl-att tat-twelid ta' C D, numru 1059 tas-sena 2009 sabiex il-paternita' tal-minuri tigi korrettament rispekkjata fl-istess att, billi fil-kolonna fejn jinsabu mnizzla l-konnotati tal-missier, il-konnotati tal-intimat E D jigu kancellati u minflok jigu mnizzla l-konnotati tal-intimat F G, kif dawn jirrizultaw mill-provi migbura f'din il-kawza, u jitbiddel ukoll il-kunjom tal-minuri ghal G.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti in subizzjoni.

Rat li saret id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn dan eccepixxa:

Illi preliminarjament, ir-rikorrenti ghandha tirregola ruhha fir-rigward jekk il-minuri C D hijiex ha tkun parti fil-kawza bhala rikorrenti jew bhala intimat.

Illi in linea preliminari ukoll jigi eccepit li r-rikorrenti, A B f'isimha proprju m'ghandhiex il-jedd skond il-ligi li titlob li jigi deciz u ddikjarat li l-minuri C D hija l-wild naturali tal-konvenut F G. Semmai kulma tista' tezercita f'dan il-kuntest huwa d-dritt li tattakka l-filjazzjoni ta' bintha, billi titlob li jigi deciz u ddikjarat li bintha m'hijiex il-wild naturali ta' zewgha E D u dan fil-parametri ristretti tal-Artikolu 77 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Kwindi isegwi illi l-ewwel u t-tieni talba kif impostati mir-rikorrenti A B f'isimha proprju ma jistghux jintlaqghu;

Illi jissokta jinghad li fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita' tal-minuri C D, l-esponent naturalment m'huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, ghalkemm f'dan l-ambitu, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha involuti

sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi subordinatament, dejjem bla hsara ghal dak fuq imsemmi, ir-rikorrenti nomine trid teghleb il-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta billi adegwatament u konvincentement turi li l-pussess ta’ stat tal-minuri C D ma jaqbilx mal-istat li jaghtiha l-Att tat-Twelid taghha bin-numru ta’ iskrizzjoni 1059/2009;

Illi subordinatament, dejjem bla hsara ghal dak fuq imsemmi, f’kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa’ t-talbiet tal-atturi huwa importanti li l-kelmiet ‘*the said*’ li jinsabu qabel isem E D, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm ghandhom ukoll jigu kkancellati mill-Att tat-Twelid bin-numru 1059 tas-sena 2009;

Illi subordinatament u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, f’kaz illi tintlaqa’ t-tieni talba tar-rikorrenti, l-intimat F G jrid jispecifika permezz ta’ nota guramentata (i) id-dokument tal-identita’ tieghu, (ii) l-eta’ tieghu meta twieldet il-minuri C, (iii) il-post fejn twieled, (iv) il-post fejn kien joqghod meta twieldet it-tifla C, (v) isem u kunjom missieru u (vi) jekk missieru kienx haj jew mejjet meta twieldet it-tifla de quo. Dawn id-dettalji huma mehtiega biex jigu inseriti fl-att tat-twelid numru 1059 tas-sena 2009;

Illi finalment, dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti m’hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta’ agir tal-esponent u ghalhekk huwa m’ghandux jigi assoggjettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta ta’ Dr. Patrick Valentino u l-P.L. Victor Bugeja fejn dawn qalu:

Illi f'dana l-istadju huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza billi sa issa ghadhom ma kkomunikawx mal-assenti minnhom rapprezentat.

Rat id-dokumenti kollha.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat illi r-rikorrenti nomine rnexxielha tipprova ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti li F G huwa tassew missier il-minuri C, dan partikolarment in vista ta' rizultanzi tal-ezamijiet xjentifici esegwiti.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti nomine u tiddikjara li l-minuri C hija wild naturali tal-intimat F G;

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna li fl-Att tat-Twelid Nru. 1059 tas-sena 2009 mill-kolonna tad-dettalji tal-missier ghandhom jithassru d-dettalji ta' E D u minflok jitnizzlu l-konnotati ta' F G, karta tal-identita' 170670(M), tal-eta' ta' 35 sena, imwieled Pieta' u residenti Zebbug Malta, iben H G, haj. Fil-kolonna bil-konnotati tal-omm ghandhom jithassru ukoll il-kliem "the said". Kunjom il-minuri ghandu jkun G.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn A B.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------